A.L. 128 ta' l-2007

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti ta' l-2007 dwar l-Aġenzija tal-Programmi ta' l-Unjoni Ewropea

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 131 u l-artikolu 135 ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg għamel ir-Regolamenti li ġejjin:-

Titolu u dħul fis-seħħ.

1. (1) It-Titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2007 dwar l-Aġenzija tal-Programmi ta' l-Unjoni Ewropea.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta tal-Gvern.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ mod ieħor:

"Aġenzija Nazzjonali" tfisser l-Aġenzija tal-Programmi ta' l-Unjoni Ewropea mwaqqfa bir-regolament 3;

"azzjonijiet" tfisser id-diversi inizjattivi u miżuri taħt kull programm;

"Kordinatur Nazzjonali" tfisser l-uffiċjal maħtur li jkollu r-responsabbiltà li jmexxi l-Aġenzija tal-Programmi ta' l-Unjoni Ewropea;

"Manwali Operattivi" tfisser il-kotba li jkun fihom linji-gwida u li jkunu maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea dwar kif għandhom jitmexxew il-programmi;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-edukazzjoni;

"*network*" tfisser il-ġbir flimkien, b'mod formali jew informali, ta' korpi li huma attivi f'qasam, dixxiplina jew settur partikolari fit-tagħlim tul il-ħajja;

"Unjoni Ewropea" tfisser l-Unjoni Ewropea kif jirreferi għaliha t-Trattat imsemmi fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar l-Unjoni Ewropea.

Kap. 460.

Aġenzija Nazzjonali.

3. Għandha titwaqqaf l-Aġenzija tal-Programmi ta' l-Unjoni Ewropea, hawn aktar 'il quddiem imsejħa l-Aġenzija Nazzjonali, li jkollha s-setgħat u l-funzjonijiet imsemmija f'dawn ir-regolamenti.

Sede ta' l-Aġenzija Nazzjonali.

4. L-uffiċċji ta' l-Aġenzija Nazzjonali għandhom ikunu f'dak l-indirizz li l-Ministru jista' jiddeċiedi minn żmien għal żmien.

Personalità ġuridika.

5. (1) L-Aġenzija Nazzjonali hi korp ġuridiku li għandha personalità ġuridika distinta u li tkun tista', bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, tagħmel kuntratti, timpjega persunal, li takkwista, iżżomm u tiddisponi minn fondi għall-iskopijiet tal-funzjonijiet u l-operat tagħha, tħarrek u tiġi mħarrka, u li tagħmel dawk l-affarijiet kollha u li tidħol f'dawk it-transazzjonijiet li jkunu inċidentali jew li jwasslu għall-eżerċizzju jew it-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt dawn ir-regolamenti.

(2) Ir-rappreżentanza legali u ġuridika ta' l-Aġenzija Nazzjonali għandha tkun vestita fil-Kordinatur Nazzjonali ta' l-Aġenzija Nazzjonali, salv li dan jista' jaħtar bil-miktub lil xi wieħed jew aktar mill-uffiċjali jew impjegati ta' l-Aġenzija biex jidhru f'isem u għall-Aġenzija fi proċedimenti ġudizzjarji kif ukoll f'kull att, kuntratt, strument, jew dokument ieħor, ikun liema jkun.

(3) L-Aġenzija Nazzjonali m'għandhiex tkun organizzazzjoni li tagħmel profitt.

Missjoni ta' l-Aġenzija Nazzjonali.

6. L-Aġenzija Nazzjonali għandha l-missjoni li tippromwovi, timplimenta u tħaddem programmi u inizjattivi ta' l-Unjoni Ewropea.

Għan ta' l-Aġenzija Nazzjonali.

7. L-għan ta' l-Aġenzija Nazzjonali jkun dak li tiżgura li f'dawk il-programmi ta' l-Unjoni Ewropea li jkollhom natura, kontenut jew għanijiet edukattivi, l-attivitajiet tagħha jkunu konformi mal-politika u l-istrateġiji edukattivi tal-Ministeru responsabbli għall-edukazzjoni.

8. (1) Is-setgħat u l-funzjonijiet ta' l-Aġenzija Nazzjonali huma li: Setgħat u funzjonijiet ta' l-Aġenzija Nazzjonali.

(a) tagħti flejjes u fondi lil terzi persuni meta jkun meħtieġ u b'relazzjoni ma' l-attivitajiet ta' l-Aġenzija;

(b) tidħol f'kull ftehim, jew tagħmel kull arranġament marbut mal-ħidma ta' l-Aġenzija, ma' kull dipartiment tal-gvern jew awtorità oħra, korporazzjoni, kumpanija jew persuna;

(ċ) timpjega persunal skond il-ħtieġa b'termini, kundizzjonijiet u remunerazzjoni skond kif approvat mill-Ministru, u tassumi r-responsabbiltà għat-tħaddim, assenjament fuq xogħol, superviżjoni u dixxiplina ta' uffiċjali pubbliċi assenjati lill-Aġenzija Nazzjonali mill-awtoritajiet pubbliċi responsabbli għall-ħaddiema tal-Gvern;

(d) taċċetta u tirċievi fondi minn gvernijiet, organizzazzjonijiet internazzjonali, fondazzjonijiet, entitajiet kummerċjali, banek, persuni jew kull sors ieħor;

(e) tagħmel dak kollu li hu inċidentali jew li jwassal biex jintlaħqu dawn l-iskopijiet jew uħud minnhom.

(2) Il-Fondi mogħtijin mill-Komunità Ewropea għad-diversi programmi edukattivi għandhom jiġu provduti taħt pattijiet finanzjarji speċifiċi u jistgħu jintużaw biss għall-iskopijiet speċifiċi li jkunu dikjarati fid-diversi pattijiet mal-Kummissjoni Ewropea.

(3) L-Aġenzija Nazzjonali tista' twettaq proġetti jew attivitajiet għal benefiċċju tan-*network* li hemm bejn l-Aġenziji Nazzjonali jew biex jgħinu l-politika tal-Komunità.

(4) L-Aġenzija Nazzjonali tista' tiġi inkarigata mill-Ministru, bħala l-Awtorità Nazzjonali, mill-inizjattivi u miżuri oħra tal-Kummissjoni Ewropea.

9. (1) L-Aġenzija Nazzjonali hija responsabbli għat-tħaddim tal-programmi, ukoll billi: Tħaddim tal-programmi u tal-proġetti.

(a) tagħti informazzjoni u pubbliċità dwar id-diversi programmi edukattivi, ta' riċerka u kulturali ta' l-Unjoni Ewropea

u, meta dan ikun jgħodd, tagħti informazzjoni dwar is-sejħa għall-proposti;

(b) tipprovdi konsulenza lill-applikanti prospettivi;

(ċ) tilqa' u tirċievi l-proposti;

(d) twaqqaf u tħaddem kumitat ta' evalwazzjoni dwar l-għażla ta' proposti għal proġetti;

(e) tippubblika informazzjoni fuq proġetti magħżula;

(f) tidħol fi ftehim dwar fondi u tiffirma kuntratti mal-benefiċjarji tal-proġetti;

(g) tgħaddi flus bil-quddiem lill-benefiċjarji qabel ma jinbdew il-progetti;

(h) tissorvelja l-proġetti, inkluż żjajjar fuq proġetti u laqgħat tematiċi dwar is-sorveljar;

(i) tanalizza u tikkontrolla l-attività finali u r-rapporti finali finanzjarji;

(j) tħallas il-bilanċi u tiġbor lura l-fondi;

(k) tagħmel investigazzjonijiet fuq il-post ta' proġetti bl-għajnuna ta' awdituri indipendenti;

(l) tirrapporta lill-Kummissjoni Ewropea.

(2) L-Aġenzija Nazzjonali hija wkoll responsabbli mit-tħaddim tal-proġetti li Malta jkollha finanzjati taħt id-diversi azzjonijiet tal-programmi ta' l-Unjoni Ewropea u għandha tikkontribwixxi għas-sorveljar u l-evalwazzjoni ta' l-azzjonijiet tal-programmi.

(3) L-Aġenzija Nazzjonali ma tista' tiddelega ebda xogħol marbut ma' l-implimentazzjoni ta' fondi.

Sorveljar tal-programmi u tal-proġetti.

10. L-Aġenzija Nazzjonali għandha wkoll tikkontribwixxi għas-sorveljar u l-evalwazzjoni ta' l-azzjonijiet tal-programmi billi:

(a) torganizza laqgħat tematiċi nazzjonali dwar is-sorveljar bejn il-proġetti u tipparteċipa fuq livell nazzjonali f'laqgħat tematiċi Ewropej dwar is-sorveljar;

(b) torganizza laqgħat nazzjonali dwar l-ivvalorizzar, fejn kordinaturi ta' proġetti u persuni li jistgħu jagħmlu użu minn dawn il-proġetti jiltaqgħu flimkien u jipparteċipaw fuq livell nazzjonali f'attivitajiet Ewropej dwar l-ivvalorizzar;

(ċ) tirrapporta dwar l-impatt strateġiku tal-programmi fuq livell nazzjonali;

(d) tagħmel studji, analiżi u stħarriġ dwar il-programmi fuq livell nazzjonali;

(e) tikkontribwixxi f'rapporti nazzjonali dwar l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-programmi;

(f) tikkontribwixxi biex jintlaħqu sinerġiji fuq livell nazzjonali ma' programmi oħra tal-Kummissjoni Ewropea.

Obbligu li timxi mal-Manwali Operattivi.

11. L-Aġenzija Nazzjonali għandha twettaq il-funzjonijiet tagħha skond il-Manwali Operattivi tal-Kummissjoni Ewropea dwar ir-rekwiżiti minimi ta' *standards* dwar kontroll intern applikabbli għall-Aġenziji Nazzjonali u dwar kif għandhom jitħaddmu proġetti finanzjati taħt id-diversi azzjonijiet. Il-Manwali Operattivi għandhom jifformaw parti integrali mill-obbligi ta' l-Aġenzija Nazzjonali kemm lejn il-Kummissjoni Ewropea u lejn il-Ministru bħala l-Awtorità Nazzjonali.

Accountability.

12. (1) L-Aġenzija Nazzjonali hija responsabbli li twieġeb b'mod ġenerali lill-Ministru u lill-Kummissjoni Ewropea.

(2) Waqt it-twettiq tal-missjoni, l-iskopijiet u l-funzjonijiet u s-setgħat tagħha, l-Aġenzija Nazzjonali għandha tkun soġġetta għal direzzjonijiet mogħtija bil-miktub mill-Kummissjoni Ewropea. Il-Ministru għandu wkoll id-dritt li joħroġ direttivi bil-miktub dwar kull ħaġa, u li jassenja xogħol speċifiku, lill-Aġenzija Nazzjonali.

(3) Fit-twettiq ta' dawk is-setgħat u funzjonijiet li għandhom implikazzjonijiet jew obbligi finanzjarji kif speċifikat f'regolament 13 ta' dawn ir-regolamenti, l-Aġenzija Nazzjonali għandha tkun ukoll soġġetta għad-direzzjoni tal-Ministru responsabbli għall-finanzi.

(4) Il-Kordinatur Nazzjonali għandu jipprovdi lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Ministru kull tagħrif u dokumentazzjoni li tista' tintalab mingħandu b'relazzjoni mal-ħidma ta' l-Aġenzija Nazzjonali.

Responsabbiltà finanzjarja.

13. (1) Kull meta tiġi hekk mitluba, l-Aġenzija Nazzjonali għandha tippreżenta lill-Kummissjoni Ewropea l-pjanijiet ta' ħidma kif ikun meħtieġ. L-Aġenzija Nazzjonali għandha tibqa' fil-parametri ta' l-ispiża rikorrenti allokata lilha mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Ministru kif awtorizzat mill-Ministru responsabbli għall-finanzi.

(2) L-Aġenzija Nazzjonali għandha tiżgura li jinżammu kif imiss il-*management accounts*, u dokumenti oħra dwar il-ħidma tagħha u t-transazzjonijiet li jkollha, u għandha tiżgura li tiġi mħejjija dikjarazzjoni tal-kontijiet, u din tintbagħat lill-Ministru, lill-Ministru responsabbli għall-finanzi u lill-Kummissjoni Ewropea mingħajr dewmien kull meta tiġi hekk mitluba.

(3) Il-kontijiet ta' l-Aġenzija Nazzjonali għandhom ikunu verifikati minn awditur wieħed jew aktar maħtura mill-Ministru. L-amministrazzjoni finanzjarja ta' l-Aġenzija Nazzjonali għandha tkun soġġetta għall-verifika mill-Awditur Ġenerali. Il-kontijiet verifikati għandhom jiġu preżentati lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Ministru, lill-Ministru responsabbli għall-finanzi u lill-Awditur Ġenerali kull meta dawn jiġu hekk mitluba.

(4) L-Aġenzija Nazzjonali għandha tibgħat, kull meta hekk mitluba, kopja tad-dikjarazzjoni tal-kontijiet verifikati, kopja tar-rapport ta' l-awditur jew awdituri dwar din id-dikjarazzjoni, flimkien ma' rapport dwar l-attivitajiet tagħha u r-riżultati miksuba matul dik is-sena, lill-Ministru u lill-Kummissjoni Ewropea. Fi żmien tletin (30) ġurnata minn meta jirċevihom, il-Ministru għandu jqiegħed kopja tagħhom fuq il-Mejda tal-Kamra tar-Rappreżentanti. Il-kontijiet verifikati u r-rapport annwali għandhom jiġu wkoll preżentati lill-Ministru responsabbli għall-finanzi u lill-Awditur Ġenerali kull meta jiġu hekk mitluba.

(5) L-Aġenzija Nazzjonali għandha, fuq talba tal-Ministru jew tal-Ministru responsabbli għall-finanzi, tippreżenta rapport dwar il-ħidma u l-kontijiet tagħha kif mitluba.

(6) L-Aġenzija Nazzjonali għandha ssegwi l-proċeduri ta' akkwist kif regolati mir-Regolamenti ta' l-1996 dwar Akkwisti li jsiru mis-Servizz Pubbliku.

A.L. 70 ta' l-1996.

14. Jekk, għal xi raġuni, l-Aġenzija Nazzjonali ma tibqax teżisti, l-assi kollha tagħha jsiru proprjetà tal-Gvern ta' Malta, salv dawk ir-riservi magħmula minn benefiċjarji u donaturi fir-rigward ta' donazzjonijiet minnhom magħmula. Fondi mhux użati, u ġbir lura ta' fondi, tal-Kummissjoni Ewropea għandhom ikunu mgħoddija lura lill-Kummissjoni Ewropea.

Tmiem ta' l-Aġenzija Nazzjonali.